# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 9 ta' Ottubru 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Shahihan Shahid**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: SHAHIHAN SHAHID ta' disgħa u erbgħin (49) sena, iben Altaf Hussain u Zara, imwieled ġewwa l-Pakistan nhar l-ewwel (1) ta' Jannar 1975, u mingħajr indirizz, detentur tal-Karta tal-Identita' 9002036A;**

**Akkużat talli**: ***Għal ħabta ta' bejn in-nofsiegha ta' filghodu (00:30) u s-sebgħa u nofs ta' filgħodu (07:30) nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq il-prinjol Iklin***

1. *Ikkommetta serq minn ġewwa Karozza ta'* ***diversi oġġetti u flus****, liema serq huwa ikkwalifikat****,bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa*** *u* ***bil-valur*** *liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) dan sar għad-detriment ta'* ***Qiujuan Wang*** *u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.*

***Artikoli 261(ċ),(f), (g) ,271(g) , 267, 270, 279(a), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

*Nakkuzawh ukoll talli għal ħabta ta' bejn is-siegħa ta' filgħodu (01:00hrs ) u l-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs ) ta' nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa* ***9, Triq Alfred Gerada Iklin*** *u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin*

2. *Bil-ħsieb li jikkometti serq minn ġewwa żewġ Karozzi, liema serq kieku ġie esegwit kien ikun kkwalifikat* ***bix-xorta tal-ħaġa misruqa , bil-mezz u bil-ħin ,*** *wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tat-tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liema serq kien se jsir għad-detriment tal-****konjuġi John u Roanne Spiteri*** *u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;*

***Artikoli 261(b)(g)(f),270,266(1) 271(g),278 (3) ,41(1)(a)***

*Nakkuzawh ukoll talli għal ħabta ta' bejn nofs il-lejl (00:00) u is-siegħa ta' filgħodu (01:00) nhar is-sitta (06) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa* ***Triq P Brydone limiti tan-Naxxar****;*

3. *Ikkommetta serq minn ġewwa Karozza ta'* ***xi flus u/jew oġġetti oħra****, liema serq huwa ikkwalifikat****,bil-ħin*** *u* ***bix-xorta tal-ħaġa misruqa*** *u dan sar għad-detriment ta'* ***Matthew Gatt*** *u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.*

***Artikoli 261(f), (g) ,271(g) , 270, 281(b)tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

*Nakkuzawh ukoll talli bejn id-disgħa ta' bil-lejl (21,00hrs) ta' nhar ħamsa (5) ta' Ottubru 2024 u it-tlieta ta' filgħodu (03:00hrs) ta' nhar is-sitta (6) ta' Ottubru2024 ġewwa* ***Triq Wied Anglu Naxxar***

4. *Ikkommetta serq minn ġewwa Karozza ta'* ***diversi oġġetti*** *liema serq huwa ikkwalifikat****,bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa*** *u* ***bil-valur*** *liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) dan sar għad-detriment ta'* ***Maya Cauchi*** *u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.*

***Artikoli 261(ċ),(f), (g) ,271(g) , 267, 270, 279(a), 280(1)tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

*Nakkuzawh ukoll talli għal ħabta ta' bejn il-ħdax ta' filgħaxija (23.00hrs) u nofs il-lejl (00:00hrs) ta' nhar il-ħamsa (05) ta' Ottubru ta s-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa* ***Razzett it-torri, sqaq l-Imieqa Naxxar*** *u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin*

5. *Ikkommetta serq minn ġewwa Karozza ta'* ***basket tal-karti u/jew oġġetti oħra****, liema serq huwa ikkwalifikat****,bil-ħin****,* ***bix-xorta tal-ħaġa misruqa*** *u* ***bil-mezz*** *u dan sar għad-detriment ta'* ***Andre Rossignaud*** *u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.*

***Artikoli 261(b),(f), (g) ,271(g) 263 (b) 270, 278 (3)tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

*Nakkuzawh ukoll talli bejn in-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12,30hrs) ta' nhar ħamsa (5) ta' Ottubru 2024 u is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) ta' nhar is-sitta (6) ta' Ottubru 2024 ġewwa* ***Triq wied Anglu Naxxar***

6. *Ikkommetta serq minn ġewwa Karozza ta'* ***diversi oġġetti u flus*** *liema serq huwa ikkwalifikat****,*** ***bix-xorta tal-ħaġa misruqa*** *dan sar għad-detriment ta'* ***Oriana Borg Ellul Vincenti*** *u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.*

***Artikoli 261 (g) ,271(g) , 281(a)tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

*Nakkużawh ukoll illi nhar is-sebgħa (07) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u x-xhur ta' qabel ġewwa il-GżejjerMaltin:*

7. *għix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ*

***Artikolu 338 (w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

*U aktar talli:*

8. *Talli huwa recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u tal-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza/sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-*

*Magistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel*

***Artikolu 49 , 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

*Din l-Onorabbli Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat sabiex jirristetwixxu lill-parti offiża kull ħaġa minnhom misruqa hekk kif ikkontemplat fl-artikoli 15A u 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Qiujuan Wang, John Spiteri, Roanne Spiteri, Matthew Gatt, Maya Cauchi, Andre Rossignaud, Oriana Borg Ellul Vincenti billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ukoll ġentilment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna odrni ta' trattament u dan ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok LA 1), *current incident reports* (Dok LA 7), l-istqarrija tal-imputat (Dok LA 5) u l-atti processwali kollha.

**Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok LA 2).**

**Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu** anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tagħtu żmien biex jerġa jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u jerga jikkonsulta ruħhu mal-avukat.

**Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena** idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu fejn issuġġerew lil Qorti

piena ta' 4 snin priġunerija, ordni ta' trattament u ordni ta' protezzjoni favur il-vittmi.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-fedina penali tiegħu, l-ammissjoni bikrija tiegħu, iċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rejat u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom.

Il-Qorti hi tal-fehemha li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ piena karċerarja effettiva hija piena idoneja.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261 (b), (ċ), (f), (g), 270, 266(1), 271(g), 263(b), 267, 270, 278(3), 279(a), 280(1), 281 (a), (b), 338(w) 41(1)(a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **SHAHIHAN SHAHID** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah **għal piena kumplessiva ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva. Inoltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeda tagħti wkoll lill-ħati u toħroġ kontra tiegħu Ordni ta' Trażżin liema Ordni huwa soggett għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza u kif ukoll qeda tagħti lill-ħati u toħrog kontra tiegħu Ordni ta' Trattament liema Ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza.**

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta’ dawn il-proċeduri u ta’ din is-sentenza bil-meżż u fiż-żmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**